**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 165/17**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Abdulkadir Ahmed Mohammed**
**(ID 30398(A))**

**Illum, 21 ta' Mejju 2018**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Abdulkadir Ahmed Mohammed, iben Mohammed u Hakimo nee` Mohamud, imwieled Mogadishu, Somalia fl-1 ta' Jannar 1982, minghajr indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identita` numru 30398(A):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-6 ta' Dicembru 2017 ghall-habta ta' nofs il-lejl neqsin kwart, fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. Hedded jew ghamel offiza fuq persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz (Art. 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Akkuzat aktar talli rrenda ruhu recidiv talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li dan kien gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta` ta' PS 430 Andrew St. John.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u anke in vista tal-provi prodotti, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' dawn l-istess imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi f'dan il-kaz, l-ammissjoni tal-imputat ma jistax jinghad li kienet wahda bikrija, tant illi meta din giet registrata, kienu nstemghu x-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni u l-kawza kienet fl-istadju tal-provi tad-difiza. Qieset ukoll ic-cirkostanzi tal-kaz u n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, inkluz in-natura tat-theddid mertu tal-ewwel imputazzjoni, kif ukoll illi f'dan il-kaz, l-imputat kellu fil-pussess tieghu cirka tmien stikek tar-raza tal-*cannabis* f'piz ta' cirka 5.647 grammi.

Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat, mil-liema jirrizulta illi huwa nstab hati ta' serq aggravat, dwar liema gie kkundannat ghal sentenza ta' prigunerija sospiza u f'okkazzjoni ohra ta' hsara volontarja, dwar liema gie kkundannat ghal sentenza ta' prigunerija effettiva. Tqis ukoll illi l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal fini ta' piena dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qed tqis ukoll illi l-imputat sa llum kien mizmum taht arrest preventiv.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(b), 31, 49, 50, 95 u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva – li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati nzamm taht arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li taghhom qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza – u multa ta' disa' mija u hamsin ewro (€950), liema piena ta' multa ghandha tithallas mill-hati minnufih u fin-nuqqas tigi konvertita f'piena ta' prigunerija skont il-ligi ossia fi prigunerija ghal zmien tmienja u ghoxrin (28) jum.

Ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda flimkien mal-piena, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nniffsu sabiex ma javvicina bl-ebda mod, la direttament u lanqas indirettament, lil PS 430 Andrew St. John u/jew lill-familjari tieghu u dan taht penali ta' disa' mitt ewro (€900), ghall-perjodu ta' tnax-il xahar mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument TM, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat